



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13362/23
PV CONS 43
COMPET 914
IND 492
MI 782
RECH 415
ESPACE 61

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))

25 ta' Settembru 2023

1. **Adozzjoni tal-aġenda**
Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 13069/23.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

Lista mhux leġislattiva

13139/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Revizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji**  12714/23 + COR 1

- a) **Direttiva dwar il-protezzjoni legali tad-disinji (riformulazzjoni)** 12714/23 ADD 1
+ ADD 1 COR 1
+ **ADD 1 COR 2 (It)**
+ **ADD 1 COR 3 (es)**

- b) **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002** 12714/23 ADD 2
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill approva Approċċ Ġenerali kif jinsab fid-dokumenti ta' hawn fuq.

4. **Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7)**  13084/23
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill approva Approċċ Ġenerali kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq. Id-dikjarazzjonijiet mid-Danimarka, l-Irlanda u l-Italja huma annessi għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Segwitu tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u 12678/23
Ġunju dwar il-kompetittività u l-produttività fit-tul tas-suq uniku, fid-dawl tal-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "It-30 Sena mis-Suq Uniku" u "Il-kompetittività fit-tul tal-UE": Ir-rwol tal-kontrolli tal-kompetittività fil-formulazzjoni ta' proposti leġiżlattivi
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Affarijiet oħra

6. a) **Rapport mill-Forum Ibero-Amerikan tal-Aġenziji Governattivi għall-Protezzjoni tal-Konsumatur**  13181/23

(Madrid, 13-14 ta' Settembru 2023)

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) **Proposti leġiżlattivi attwali** 
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- i) **Direttiva rigward l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejbja kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar** 7808/22 + ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

ii) **Il-leġislazzjoni farmaċewtika tal-UE minn
perspettiva industrijali u tal-kompetittività**
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik
Ġermaniża*

13166/23

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka u dik Ġermaniża.

-
- ❶** L-ewwel qari
- C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- 2** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġislativ "B" li jinsab fid-dokument 13069/23

Dwar il-punt "B"
nru 4:

Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7)
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tqis li huwa ta' importanza kbira li tittejjeb il-kwalità tal-arja fl-Ewropa. Il-kwalità ħażina tal-arja qed tnaqqas l-istennija tal-għomor għal aktar minn 300 000 ċittadin Ewropew kull sena. Din tqiegħed pressjoni fuq il-pulmun u ddgħajef is-sistema immunitarja tagħna. U l-gruppi vulnerabbli – it-tfal, l-anzjani, u l-persuni b'introjtu baxx – huma daww l-aktar milquta minn kulħadd. Matul is-siġhat l-aktar intensivi, it-traffiku huwa s-sors ewlieni ta' tniġġis fit-toroq tagħna. Dan huwa eżatt fejn bosta persuni jgħixu, imorru l-iskola, jaħdmu u jqattgħu l-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Barra minn hekk, id-Danimarka tqis li biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa ta' ċittadini Ewropej kollha huwa meħtieġ approċċ ibbilanċjat, filwaqt li l-industrija Ewropea tal-mobbiltà tinżamm fuq quddiem nett tal-kompetizzjoni fil-livell dinji.

Id-Danimarka temmen li l-proposta tal-Kummissjoni għall-Euro 7 laħqet tali bilanċ, u ħolqot benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent li jegħlbu l-kostijiet tagħha bi proporzjon ta' kważi 4-1. Sfortunatament, l-approċċ ġenerali jirrappreżenta pass sinifikanti lura f'termini ta' ambizzjonijiet għall-impatt fuq l-ambjent u fuq is-saħħa meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni.

B'mod partikolari, huwa ta' dispjaċir li fl-approċċ ġenerali, meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni, inbidlu l-punti li ġejjin;

- Ir-riverżjoni ġenerali tal-valuri limitu tal-emissjonijiet u r-rekwiżiti tat-test għall-istandard Euro 6. Il-vetturi mhux ser ikollhom jibqgħu jikkonformaw mal-istandard tal-emissjonijiet b'taġġbija utli baxxa, startjar kiesaħ, temperaturi kesħin, eċċ.;
- It-tneħħija ta' limiti stretti tal-fwar li diġà qed jintużaw fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti; u
- Il-posponiment tad-dati tad-dħul fis-seħħ b'diversi snin. Bil-livell attwali ta' ambizzjoni tal-proposta huwa diffiċli ħafna li wieħed jara l-ġustifikazzjoni għal dan id-dewmien.

Id-Danimarka tappoġġa l-inklużjoni tal-limiti tal-emissjonijiet għat-tajers u l-brejkijiet kif ukoll ir-rekwiżiti minimi tal-batteriji. Madankollu, id-dati tad-dħul fis-seħħ għat-tajers huma stabbiliti għal erba' u sitt snin b'perjodu ta' tranżizzjoni ta' sentejn u nofs u r-rekwiżiti tal-batteriji huma bbażati fuq is-suq tal-bieraħ. Dan ifisser li l-effetti ta' din il-parti tar-regolament mhux ser jinħassu qabel l-2030.

Id-Danimarka temmen bis-sħiħ li l-approċċ ġenerali dwar l-Euro 7 jirrappreżenta opportunità mitlufa għal-leġislaturi biex isaħħu l-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-karozzi, filwaqt li jiżguraw armonizzazzjoni dinjija aħjar tal-istandards u jnaqqsu b'mod sinifikanti t-tniġġis minn vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili li jniġġsu l-arja fid-deċennji li ġejjin.

Id-Danimarka temmen ukoll li kompromess ibbilanċjat kien jgħin lill-Istati Membri jiksbu l-istandard tal-kwalità tal-arja mistenni fid-direttivi futuri dwar il-Kwalità tal-Arja. Fil-qosor, din hija opportunità mitlufa biex jinkiseb approċċ ibbilanċjat lejn mobbiltà b'emissjonijiet zero.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, id-Danimarka ma tistax tappoġġa l-approċċ ġenerali."

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-Euro 7 huwa fajl kumpless b'implikazzjonijiet wiesgħa kemm għall-industrija kif ukoll għaċ-ċittadini tal-UE. L-Irlanda tirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti mwettqa mill-Presidenza, u l-ħidma preċedenti li saret taħt il-Presidenza Żvediża, biex tinstab soluzzjoni fattibbli u ġusta għall-ħtiġijiet u t-tħassib diverġenti tal-Istati Membri. Mill-bidu nett, enfasizzajna l-importanza ta' dawn l-istandards biex intejbu l-kwalità tal-arja tagħna u niproteġu s-saħħa pubblika, u għal dan l-għan huwa importanti li narawhom jiġu introdotti malajr kemm jista' jkun. Filwaqt li konxja li fl-2024 jiskadi l-mandat tal-Parlament Ewropew, l-Irlanda ser tastjeni fil-vot tagħha għall-approċċ ġenerali propost imressaq quddiem il-Kunsill sabiex isir progress f'dan il-fajl, iżda rridu nirrikonoxxu li ħafna mit-tħassib imqajjem fil-grupp ta' ħidma mhuwix rifless f'dan it-test finali.

Huwa diżappuntanti li l-ambizzjoni raġonevoli u li tista' tinkiseb tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ma nżammix. It-teknoloġija u l-kapaċità li jiġu imposti limiti aktar stretti diġà jeżistu u diġà qed jintużaw fl-ekonomiji kompetituri ewlenin Ewropej tal-manifattura tal-karozzi. L-Irlanda temmen bis-sħiħ li din hija opportunità mitlufa biex l-UE tkun minn ta' quddiem f'suq ta' vetturi aktar nodfa u b'emissjonijiet aktar baxxi, u waħda li tista' tagħmel l-industrija tal-karozzi tal-Unjoni ferm inqas kompetittiva fi ftit snin.

Filwaqt li mhux ser nopponu l-progress tal-fajl, nirrikonoxxu li bl-istess mod xi wħud mill-kollegi tagħna qajmu dawn il-kwistjonijiet u ddeċidew li jivvutaw kontra. Bla dubju, l-Istati Membri kollha ser ikomplu jimpenjaw ruħhom b'mod proattiv fin-negozjati u jippromwovu ftehim ibbilanċjat u favur l-ambjent bejn il-Kunsill u l-Parlament hekk kif ngħaddu għall-istadju li jmiss fil-proċess leġislattiv. Ser ikun vitali li nqisu l-kwistjonijiet importanti mqajma mill-ġdid fil-grupp ta' ħidma mal-Parlament biex niżguraw li l-Euro 7 jgħinna nilħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jgħin biex jitneħħew sustanzi niġġiesa li jagħmlu l-ħsara mill-arja tagħna, u jgħin biex l-industrija tagħna tibqa' reżiljenti u kompetittiva fil-livell dinji."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tirringrazzja lill-Presidenza Spanjola għall-ħidma diplomatika intensiva. It-test ta' kompromess imressaq huwa bla dubju ta' suċċess meta mqabbel mal-ewwel passi tal-proposta ta' dan ir-Regolament.

L-allinjament mill-ġdid ta' sensiela ta' limiti għal dawk stabbiliti mir-Regolament Euro 6 għall-magni tal-kombustjoni interna u l-emissjonijiet ta' partikolati, kif ukoll l-estensjoni tal-iskadenzi għad-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni l-ġdida jirrappreżentaw deċiżjoni kruċjali, f'isem ir-responsabbiltà politika, ekonomika u soċjali. L-Italja hija konvinta li l-UE trid iżżomm l-istandards biex jinkiseb l-oġettiv tat-tranżizzjoni doppja, dik ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li toqgħod lura milli timponi piżijiet ġodda fuq il-manifatturi u titlobhom sforzi addizzjonali. Inevitabbilment, obbligi eventwali ġodda jispiċċaw jiddevjaw l-attenzjoni tal-industrija milli ssegwi l-oġettiv ta' qabża teknoloġika, u b'hekk idgħajfu l-kompetittività tagħha, u jpoġġu f'riskju l-livelli tal-impjiegi fl-Istati Membri.

Għalhekk, l-Italja tqis l-aħħar proposta bħala pass eventwalment pożittiv fid-direzzjoni t-tajba, u għandha fiduċja li daww il-punti li għadhom kritiċi ser jittejbu matul it-trilogi. B'mod partikolari, hija tqis li s-sistema ta' monitoraġġ abbord tal-vetturi għandha impatt negattiv qawwi fuq il-manifatturi, speċjalment għall-vetturi ta' livell baxx. Barra minn hekk, l-Italja tirrakkomanda li r-rekwiżiti ta' monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u tal-enerġija ma jiġux estiżi għat-tipi kollha ta' sistemi tal-motopropulsjoni.

L-Italja tiddependi fuq il-fatt li d-durabbiltà tal-emissjonijiet ser tiġi allinjata mill-ġdid mal-istandards tar-Regolament Euro 6 attwali, kif ukoll mar-rekwiżiti tad-durabbiltà għall-batteriji tat-tazzjoni. Għall-manifatturi ta' volumi żgħar, huwa fundamentali li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament ikun differit għall-2035, b'mod konsistenti mar-Regolament dwar l-emissjonijiet tas-CO2.

Bħala konklużjoni, huwa essenzjali li jiġi ppreservat u appoġġat is-settur tal-karozzi tal-UE, li qed jiġi ttestjat b'mod sever mill-produtturi ta' pajjiżi terzi li jiksbu vantaġġi kompetittivi bis-saħħa ta' sussidji ġenerużi u oqfsa regolatorji partikolarment favorevoli, li mhumieq konformi mal-istandards tal-UE.

L-Italja tikkommetti ruħha li tkompli taħdem b'mod konsistenti u responsabbli f'din id-direzzjoni, għall-ħaddiema, l-industrija u ċ-ċittadini tal-UE."
